MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 507/2005

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Daniel Raymondo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta’ Frar 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma komplessiva ta’ tlett mija tlieta u sebghin Liri Maltin (Lm373.00) dovuti mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici in kwantu ghas-somma ta’ tliet mija u erbghin Liri Maltin (Lm340.00) dovuta bhala prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u ikkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta’ tlieta u tletin Liri Maltin (Lm33.00) bhala interessi fuq l-istess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut deher fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2005, fejn ammetta it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u erbghin Liri Maltin (Lm340.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------